SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

11 ta' Frar 2021*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP – Klawżola 5 – Miżuri maħsuba sabiex jipprevjenu l-abbuż li jirriżulta mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat – Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat fis-settur pubbliku – Kuntratti suċċessivi jew l-ewwel kuntratt ipprorogat – Miżura legali ekwivalenti – Interdizzjoni kostituzzjonali assoluta li kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat jiġu ttrasformati f'kuntratti għal Żmien mhux determinat – Obbligu ta' interpretazzjoni konformi"

Fil-Kawża C-760/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Monomeles Protodikeio Lasithiou (Qorti tal-Ewwel Istanza b'Imħallef Uniku ta' Lasithi, il-Greċja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Diċembru 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Diċembru 2018, fil-proċedura

**M.v.** ***et***

vs

**Organismos Topikis Aftodioikisis (OTA) "Dimos Agiou Nikolaou",**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn A. Kumin (Relatur), President tal-Awla, T. von Danwitz u P. G. Xuereb, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal M.V. *et*, minn E. Chafnavi, dikigoros,

– għal Organismos Topikis Aftodioikisis (OTA) "Dimos Agiou Nikolaou", minn K. Zacharaki, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

– għall-Gvern Elleniku, minn E.-M. Mamouna u E. Tsaousi kif ukoll minn K. Georgiadis, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn A. Bouchagiar u M. van Beek, sussegwentement minn A. Bouchagiar, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Klawżola 1 u tal-Klawżola 5(2) tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim Qafas"), li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn M.V. u ħaddiema oħra u l-persuna li timpjegahom, l-Organismos Topikis Aftodioikisis (OTA) "Dimos Agiou Nikolaou" (kollettività territorjali "Muniċipalità ta' Agios Nikolaos", il-Greċja) (iktar 'il quddiem il-"komun ta' Agios Nikolaos") dwar il-klassifikazzjoni tar-relazzjonijiet ta' xogħol tagħhom, bħala impjegati tas-servizz ta' tindif ta' dan il-komun, għal żmien mhux determinat.

**Il-kuntest ġuridiku**

***Id-dritt tal-Unjoni***

3 Skont il-Klawżola 1 tal-Ftehim Qafas, din għandha:

"L-iskop [...] hu:

1. li titjieb il-kwalità ta' xogħol għal terminu fiss [żmien determinat] billi tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni;

2. li jistabbilixxi qafas biex jipprevjeni l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' l-impjieg għal terminu fiss."

4 Il-Klawżola 3 tal-Ftehim Qafas, intitolata "Definizzjonijiet", tipprevedi:

"Għall-iskop ta' dan il-ftehim il-kliem:

1. 'ħaddiem għal terminu fiss [żmien determinat]' ifisru persuna li jkollha kuntratt jew relazzjoni ta' l-impjieg dirett bejn min jimpjiega u ħaddiem meta l-aħħar tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg hu ddeterminat b'kondizzjonijiet oġġettivi bħal li jilħaq data speċifika, ilesti xogħol speċifiku, jew it-twettiq ta' każ speċifiku.

[…]"

5 Il-Klawżola 5 tal-imsemmi Ftehim Qafas, intitolata "Miżuri għal prevenzjoni ta' l-abbuż", tipprovdi:

"1. Sabiex jiġi pprevenut l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss [żmien determinat], wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika, u/jew l-imsieħba soċjali, għandhom, meta ma hemm ebda miżuri ekwivalenti legali biex jipprevjenu l-abbuż, jintroduċu b'mod li jieħu kont tal-ħtiġiet tas-setturi [speċifiċi] u/jew kategoriji ta' ħaddiema, waħda jew iktar mill-miżuri li ġejjin:

1. raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet;
2. iż-żmien massimu totali ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss [żmien determinat];

(ċ) in-numru ta' tiġdid ta' dawn il-kuntratti jew relazzjonijiet.

2. L-Istati Membri wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali u/jew l-imsieħba soċjali għandhom, meta approprjat, jiddeterminaw taħt liema kondizzjonijiet il-kuntratti jew ir-relazzjonijiet ta' impjieg għal terminu fiss [żmien determinat]:

(a) għandhom jitqiesu bħala 'suċċessivi';
(b) għandhom jitqiesu bħala kuntratti jew relazzjonijiet għal żmien indefinit [żmien mhux determinat]."

għandhom jitqiesu bħala kuntratti jew relazzjonijiet għal żmien indefinit [żmien indeterminat]."

6 Il-Klawżola 8 tal-istess Ftehim Qafas, bit-titolu "Dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni", tistabbilixxi:

"1. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet iktar favorevoli għal ħaddiema milli kif stabbilit f'dan il-ftehim.

[…]"

### *Id-dritt Elleniku*

### *Id-dispożizzjonijiet kostituzzjonali*

7 Matul is-sena 2001, il-paragrafi 7 u 8 ġew miżjuda mal-Artikolu 103 tal-Kostituzzjoni Ellenika, ifformulati kif ġej:

"7. Ir-reklutaġġ ta' impjegati fis-servizz pubbliku u fis-settur pubbliku f'sens wiesa' […] isir b'kompetizzjoni jew permezz ta' għażla skont kriterji ddefiniti minn qabel u oġġettivi u huwa suġġett għas-superviżjoni ta' awtorità indipendenti, kif previst mil-liġi. […]

8. Il-liġi tiddefinixxi l-kundizzjonijiet u t-tul tar-relazzjonijiet ta' xogħol taħt id-dritt privat mal-Istat u mas-settur pubbliku f'sens wiesa', bħal dak iddefinit f'kull każ, sabiex jiġu koperti kemm postijiet organiċi minbarra dawk previsti fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3, kif ukoll

bżonnijiet provviżorji jew imprevisti jew urġenti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2. Il-liġi tistabbilixxi wkoll il-funzjonijiet li l-persunal imsemmi fis-subparagrafu preċedenti jistgħu jeżerċitaw. Huwa pprojbit li jiġi titolizzat b'mezzi leġiżlattivi persunal li jaqa' taħt l-ewwel subparagrafu jew li l-kuntratti tagħhom jinbidlu f'kuntratti għal żmien mhux determinat. Il-projbizzjonijiet previsti f'dan il-paragrafu jgħoddu wkoll għall-persuni impjegati permezz ta' kuntratt ta' xogħlijiet."

*Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi*

8 L-Artikolu 8(1) u (3) tal-Liġi 2112/1920, dwar it-terminazzjoni obbligatorja tal-kuntratt ta' xogħol tal-impjegati tas-settur privat (FEK B' 67/18.3.1920), li jistabbilixxi dispożizzjonijiet protettivi favur il-ħaddiem fir-rigward tat-terminazzjoni tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien mhux determinat irregolati mid-dritt privat, jipprovdi:

"1. Huwa null kull kuntratt li jmur kontra din il-liġi, ħlief jekk ikun iktar favorevoli għall-impjegat. [...]

[...]

3. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi japplikaw ukoll għall-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat, meta dan iż-żmien ma jkunx iġġustifikat min-natura tal-kuntratt iżda jkun ġie ffissat intenzjonalment sabiex jiġu evitati d-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi dwar it-terminazzjoni obbligatorja tal-kuntratti ta' xogħol."

9 Mill-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Artikolu 8(3) tal-Liġi 2112/1920, moqri flimkien mad-dispożizzjonijiet ġenerali relatati mal-abbuż ta' dritt, b'mod partikolari l-Artikoli 281 u 671 tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll mal-prinċipji ġenerali tal-Kostituzzjoni Ellenika, b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) u (3) ta' din tal-aħħar, ġie applikat matul is-snin mill-qrati Griegi għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ġuridika korretta tar-relazzjonijiet ta' xogħol, li, abbażi ta' dan l-Artikolu 8(3), kienu kklassifikaw legalment bħala "kuntratti għal żmien mhux determinat", dawk il-kuntratti li kienu ppreżentati bħala kuntratti għal żmien determinat, iżda li fil-verità, kienu intiżi, permezz tat-tiġdid tagħhom, li jipprovdu għall-ħtiġijiet permanenti u li jtawwlu fiż-żmien tal-persuna li timpjega.

10 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, wara r-reviżjoni tal-Kostituzzjoni Ellenika, il-qrati Griegi waqfu jittrasformaw, abbażi tal-Artikolu 8(3) tal-Liġi 2112/1920, f'kuntratti għal żmien mhux determinat il-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat stabbiliti minn persuni li jimpjegaw tas-settur pubbliku. Huma qiesu li tali trasformazzjoni kienet tmur kontra l-projbizzjoni tat-titolarizzazzjoni tal-persunal tas-settur pubbliku, prevista fl-Artikolu 103 tal-imsemmija kostituzzjoni, kif irriveduta, anki jekk il-kuntratt għal żmien determinat kien ikopri ħtiġijiet permanenti u li jtawwlu fiż-żmien tal-persuna li timpjega.

*Id-dispożizzjonijiet dwar it-tiġdid tal-kuntratti għal żmien determinat tal-persunal fis-settur tat-tindif tal-kollettivitajiet territorjali*

11 Skont l-Artikolu 205(1) tal-Kodikas Katastasis Dimotikon kai Koinotikon Ypallilon (il-Kodiċi dwar l-Istatus tal-Uffiċjali Muniċipali), il-kollettivitajiet territorjali jistgħu jikkonkludu kuntratti ta' xogħol irregolati mid-dritt privat għal żmien determinat sabiex jaffrontaw ħtiġijiet staġjonali jew ħtiġijiet oħrajn perijodiċi jew speċifiċi.

12 L-Artikolu 21 tal-Liġi 2190/1994, li tistabbilixxi awtorità indipendenti responsabbli mill-għażla tal-persunal u milli tirregola l-kwistjonijiet amministrattivi (FEK A' 28/3.3.1994) jipprovdi:

"1. Is-servizzi pubbliċi u l-persuni ġuridiċi [...] jistgħu jimpjegaw persunal fuq il-bażi ta' kuntratt ta' xogħol taħt id-dritt privat għal żmien determinat, sabiex ilaħħqu mal-ħtiġijiet staġjonali, jew ħtiġijiet oħra perijodiċi jew temporanji, fil-kundizzjonijiet u skont il-proċedura prevista iktar 'il quddiem.

2. It-tul ta' żmien ta' impjieg tal-persunal imsemmi fil-paragrafu 1 ma jistax jaqbeż tmien xhur matul perijodu totali ta' tnax il-xahar. Meta persunal ikun irreklutat b'mod provviżorju sabiex jintlaħqu, skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ, ħtiġijiet urġenti, minħabba n-nuqqas ta' persunal jew ta' impjiegi vakanti, it-tul ta' żmien tal-impjieg ma jistax jaqbeż l-erba' xhur għall-istess persuna. Il-proroga jew konklużjoni ta' kuntratt ġdid matul l-istess sena, kif ukoll it-tibdil f'kuntratt għal żmien mhux determinat huma nulli."

13 L-Artikolu 167 tal-Liġi 4099/2012 (FEK A' 250/20.12.2012), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali, jipprovdi:

"Il-kuntratti individwali fis-seħħ u dawk il-kuntratti individwali li skadew sa disgħin (90) jum qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi u li jirrigwardaw l-indafa ta' postijiet ta' dipartimenti pubbliċi, tal-awtoritajiet indipendenti, tal-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku, tal-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt privat u tal-kollettivitajiet territorjali kompetenti fil-qasam tat-tindif u li huma inkarigati li jipprovdu għall-ħtiġijiet ta' tindif ta' dipartimenti oħra tal-kollettivitajiet territorjali, huma estiżi *ipso jure* sal-31 ta' Diċembru 2017. Il-proroga ċċitata iktar 'il fuq ma tapplikax għall-kuntratti individwali li ġew konklużi sabiex jittaffew ħtiġijiet urġenti, staġjonali jew speċifiċi fil-qasam tal-indafa, li t-tul tagħhom ma jeċċedix xahrejn fuq perijodu ta' tnax-il xahar u li ġew konklużi sa mill-1 ta' Jannar 2016."

14 L-Artikolu 76 tal-Liġi 4386/2016 (FEK A' 83/11.5.2016) żied, wara l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 167(1) tal-Liġi 4099/2012, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ dak iż-żmien, subparagrafu li jipprovdi li t-tiġdid *ipso jure*, sal-31 ta' Diċembru 2016, tal-kuntratti ta' xogħol individwali msemmija fil-paragrafu preċedenti kien japplika wkoll, mid-dħul fis-seħħ tal-Liġi 4325/2015 (jiġifieri mill-11 ta' Mejju 2015), għall-kuntratti tal-persunal irreklutat, sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet urġenti, ta' staġjonali jew ta' darba fil-qasam tat-tindif, permezz ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat li t-tul tiegħu ma setax jeċċedi xahrejn matul perijodu ta' tnax-il xahar.

### *Ir-regolamenti*

15 Fl-Artikolu 2(1) tiegħu, id-Digriet Presidenzjali 164/2004, li jipprovdi dispożizzjonijiet dwar il-ħaddiema rreklutati fuq il-bażi ta' kuntratti għal żmien determinat fis-settur pubbliku (FEK A' 134/19.7.2004), li ttraspona d-Direttiva 1999/70 fid-dritt Elleniku applikabbli għall-persunal tal-Istat u tas-settur pubbliku f'sens wiesa', jipprovdi:

"Id-dispożizzjonijiet ta' dan id-digriet japplikaw għall-persunal tas-settur pubbliku [...] kif ukoll għall-persunal tal-impriżi komunali u muniċipali impjegat fuq il-bażi ta' kuntratt jew ta' relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat jew fuq il-bażi ta' kuntratt ta' impriża jew ta' kull forma oħra ta' kuntratt jew relazzjoni ta' xogħol li tiddissimula rabta ta' subordinazzjoni. [...]"

16 L-Artikolu 4 tal-istess digriet jipprovdi li:

"1. Fir-rigward tal-modalitajiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-ħaddiema impjegati għal żmien determinat ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod sfavorevoli meta mqabbla mal-ħaddiema impjegati għal żmien mhux determinat għar-raġuni biss li l-kuntratt tagħhom huwa konkluż għal żmien determinat. B'mod eċċezzjonali, trattament iddifferenzjat huwa permess meta dan ikun iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi.

2. Il-kriterji ta' perjodi ta' anzjanità relatati ma' kundizzjonijiet partikolari ta' impjieg għandhom ikunu l-istess għal ħaddiema għal żmien determinat kif ukoll għal ħaddiema għal żmien mhux determinat, ħlief meta jkunu ġġustifikati kriterji ta' perjodi ta' anzjanità minħabba raġunijiet oġġettivi."

17 L-Artikolu 5 tal-imsemmi Digriet Presidenzjali, intitolat "Kuntratti suċċessivi", jipprovdi:

"1. Huma pprojbiti l-kuntratti suċċessivi konklużi u eżegwiti bejn l-istess persuna li timpjega u l-istess ħaddiem, għal tip ta' funzjoni professjonali identika jew simili u taħt kundizzjonijiet ta' xogħol identiċi jew simili, għal intervalli inferjuri għal tliet xhur.

2. Bħala eċċezzjoni, il-konklużjoni ta' dawn il-kuntratti hija legali meta hija ġġustifikata minħabba raġuni oġġettiva. Ikun hemm raġuni oġġettiva meta l-kuntratti li jsegwu l-kuntratt inizjali jiġu konklużi sabiex jirrispondu għal ħtiġijiet partikolari tal-istess tip direttament jew indirettament konnessi mal-forma, man-natura jew mal-attività tal-impriża.

3. Il-konklużjoni ta' kuntratti suċċessivi ssir bil-miktub u r-raġunijiet li jiġġustifikawh għandhom jissemmew espressament fil-kuntratt, ġaladarba dawn ma jirriżultawx direttament minnu. Il-forma bil-miktub ma hijiex eċċezzjonalment meħtieġa meta, fid-dawl tan-natura okkażjonali tal-impjieg, it-tiġdid tal-kuntratt ma jeċċedix perijodu ta' xahar, dment li l-forma bil-miktub ma tkunx prevista espressament minn dispożizzjoni oħra. Għandha tingħata kopja tal-kuntratt lill-ħaddiem fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-bidu tal-impjieg tiegħu.

4. Fl-ebda każ m'għandu jkun hemm iktar minn tliet kuntratti suċċessivi, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 tal-Artikolu segwenti."

18 L-Artikolu 6 tal-istess Digriet Presidenzjali, li jikkonċerna t-tul massimu tal-kuntratti għal żmien determinat, jipprovdi:

"1. Il-kuntratti suċċessivi konklużi u eżegwiti bejn l-istess persuna li tħaddem u l-istess ħaddiem, għal tip ta' funzjoni professjonali identika jew simili u taħt kundizzjonijiet ta' xogħol identiċi jew simili, ma jistgħux jeċċedu terminu totali ta' impjieg ta' 24 xahar, kemm jekk ikunu konklużi skont l-artikolu preċedenti jew skont dispożizzjonijiet oħrajn fis-seħħ.

2. Terminu totali ta' impjieg li jaqbeż l-24 xahar huwa awtorizzat biss fil-każ ta' kategoriji ta' ħaddiema speċjali minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom kif imsemmi fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ, bħal uffiċjali maniġerjali, ħaddiema rreklutati fil-kuntest ta' programmi speċifiċi ta' riċerka jew ta' programmi ssussidjati jew iffinanzjati, kif ukoll ħaddiema rreklutati biex iwettqu kompitu marbut mal-eżekuzzjoni ta' obbligi li jirriżultaw minn ftehimiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali."

19 L-Artikolu 7 tad-Digriet Presidenzjali 164/2004, intitolat "Sanzjoni tal-ksur" jipprovdi:

"1. Kull kuntratt konkluż bi ksur tal-Artikoli 5 u 6 ta' dan id-digriet huwa null *ipso jure*.

2. Meta l-kuntatt null ikun ġie eżegwit, parzjalment jew fit-totalità tiegħu, il-ħaddiem għandu jitħallas l-ammonti dovuti; l-ammonti li jkunu tħallsu ma jistgħux jintalbu lura. Il-ħaddiem jista' jitlob, bħala kumpens, l-ammont li kien ikollu dritt jirċievi ħaddiem ekwivalenti impjegat għal żmien mhux determinat, f'każ li jiġi tterminat il-kuntratt tiegħu. Meta jkun hemm iktar minn kuntratt null wieħed, il-perijodu li jiġi kkunsidrat għall-kalkolu tal-kumpens huwa l-perijodu totali tal-impjieg abbażi tal-kuntratti nulli. L-ammonti mħallsa minn mill-persuna li timpjega lill-ħaddiem għandha tagħmel tajjeb għalihom il-parti responsabbli.

3. Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 6 ta' dan id-digriet huwa punibbli b'sentenza ta' priġunerija […]. Meta r-reat jitwettaq b'negliġenza, il-persuna responsabbli tkun punibbli b'sentenza ta' priġunerija ta' mhux iktar minn sena. Barra minn hekk, dan il-ksur jikkostitwixxi nuqqas dixxiplinari serju."

20 Skont l-Artikolu 10 ta' dan id-Digriet Presidenzjali, dan tal-aħħar ma jikkontestax dispożizzjonijiet li huma iktar favorevoli għall-ħaddiema kollha flimkien kif ukoll għall-ħaddiema b'diżabbiltà.

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

21 Matul is-sena 2015, M.V. *et* ġew irreklutati mill-komun ta' Agios Nikolaos, fi ħdan id-dipartimenti tiegħu tat-tindif, permezz ta' kuntratti ta' xogħol irregolati mid-dritt privat għal żmien determinat, sabiex jokkupaw impjiegi full-time, b'remunerazzjoni fix-xahar stabbilita skont is-sistema legali.

22 Inizjalment konklużi għal perijodu ta' tmien xhur, dawn il-kuntratti ġew imġedda sad-data tal-31 ta' Diċembru 2017, b'effett retroattiv u mingħajr interruzzjoni, permezz ta' interventi leġiżlattivi differenti li l-qorti tar-rinviju elenkat fil-punti 15 sa 22 tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, it-tul totali rispettiv tal-imsemmija kuntratti jvarja bejn 24 u 29 xahar. Il-komun ta' Agios Nikolaos finalment xolja l-imsemmija kuntratti fid-data msemmija iktar 'il fuq. Barra minn hekk, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li dawn l-estensjonijiet ma ġew ippreċeduti minn ebda evalwazzjoni intiża sabiex isir magħruf jekk kinux għadhom jissussistu, skont il-każ, il-ħtiġijiet staġjonali, perijodiċi jew speċifiċi li jiġġustifikawhom.

23 Peress li s-sitwazzjoni tagħhom tikkostitwixxi abbuż li jirriżulta mill-użu ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat u li għalhekk din tmur kontra l-għan u l-finalità tal-Ftehim Qafas, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali talbu lill-Monomeles Protodikeio Lasithiou (il-Qorti tal-Ewwel Istanza b'Imħallef Uniku ta' Lasithi, il-Greċja), minn naħa, li tikkonstata li huma jkomplu jkunu marbuta mal-komun ta' Agios Nikolaos fuq il-bażi ta' kuntratt ta' impjieg għal żmien mhux determinat u li x-xoljiment tal-kuntratti ta' xogħol tagħhom b'effett mill-31 ta' Diċembru 2017 huwa null, kif ukoll, minn naħa, li tordna lil dan il-komun, taħt piena ta' multa, li jimpjegahom fuq il-bażi ta' kuntratti ta' impjieg għal żmien mhux determinat.

24 Il-qorti tar-rinviju tfakkar qabel kollox li d-Direttiva 1999/70 ġiet trasposta fid-dritt Elleniku, fir-rigward ta' persunal tas-settur pubbliku bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, permezz tad-Digriet Presidenzjali 164/2004, li jipprovdi l-miżuri intiżi sabiex jipprevjenu l-użu abbużiv tal-kuntratti jew tar-relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat.

25 Barra minn hekk, hija dejjem applikabbli l-Liġi 2112/1920, li l-Artikolu 8(1) u (3) tagħha jipprevedi n-nullità ta' kuntratt għal żmien determinat jekk dan it-tul ma jkunx iġġustifikat min-natura tal-kuntratt, iżda jkun ġie stabbilit intenzjonalment bil-għan li jiġu evitati d-dispożizzjonijiet dwar ix-xoljiment obbligatorju tal-kuntratt ta' xogħol.

26 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza l-fatt li, eċċezzjonalment, il-konklużjoni ta' kuntratti suċċessivi għal żmien determinat hija, skont id-dritt Elleniku, legali taħt ċerti kundizzjonijiet. F'dan ir-rigward, din il-qorti tfakkar li l-Artikolu 5 tad-Digriet Presidenzjali 164/2004 jipprovdi, b'mod partikolari, li l-konklużjoni ta' dawn it-tipi ta' kuntratti hija possibbli meta tkun iġġustifikata minn raġuni oġġettiva u tissodisfa rekwiżiti oħra, bħall-konklużjoni bil-miktub ta' kuntratt ta' xogħol ġdid, u sakemm hija tkun tosserva numru massimu ta' tliet prorogi. Ikun hemm tali raġuni oġġettiva meta l-kuntratti li jsegwu l-kuntratt inizjali jiġu konklużi sabiex jirrispondu għal ħtiġijiet partikolari tal-istess tip, direttament jew indirettament, konnessi mal-forma, man-natura jew ma' l-attività tal-impriża.

27 L-imsemmija qorti tispeċifika madankollu li, wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 1999/70, iżda qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit għat-traspożizzjoni tagħha fid-dritt Elleniku, l-emenda tal-Artikolu 103 tal-Kostituzzjoni Ellenika, li seħħet matul is-sena 2001, introduċiet, fil-paragrafu 8 ta' dan l-artikolu, projbizzjoni tat-trasformazzjoni tal-kuntratti għal żmien determinat tal-persunal tas-settur pubbliku f'kuntratti għal żmien mhux determinat. Il-qorti tar-rinviju tosserva, f'dan ir-rigward, li għalkemm il-qrati nazzjonali kienu japplikaw il-Liġi 2112/1920 bħala "miżuri legali ekwivalenti", fis-sens tal-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas, sabiex il-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala kuntratti għal żmien mhux determinat, ir-reviżjoni kostituzzjonali li seħħet issa irrendiet impossibbli l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet protettivi.

28 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju ssemmi deċiżjoni tal-Elegktiko Synedrio (il-Qorti tal-Awdituri, il-Greċja), li fiha ġie reċentement deċiż li tali proroga tal-kuntratti ta' xogħol irregolata mid-dritt privat tmur kontra d-Direttiva 1999/70, kif trasposta fid-dritt intern permezz tad-Digriet Presidenzjali 164/2004. Din il-proroga tagħti lok għal suċċessjoni inaċċettabbli ta' kuntratti konklużi u eżegwiti mill-istess persuna li timpjega u mill-istess ħaddiem għall-istess tip ta' funzjoni u taħt l-istess kundizzjonijiet ta' xogħol, mingħajr ma jkunu ġew stabbiliti kriterji oġġettivi u trasparenti sabiex jiġi vverifikat jekk it-tiġdid ta' tali kuntratti jissodisfax effettivament ħtieġa vera, huwiex ta' natura li jilħaq l-għan imfittex u huwiex neċessarju għal dan il-għan, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-fatt li jimplika riskju reali ta' użu abbużiv minn dan it-tip ta' kuntratti.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju tesprimi, b'mod partikolari, dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tittrasponi l-Ftehim Qafas ma' dan l-istess ftehim, sa fejn din il-leġiżlazzjoni hija interpretata fis-sens li l-prorogi *ipso jure* tal-kuntratti ta' xogħol inkwistjoni ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi", meta din il-leġiżlazzjoni ma tirrigwardax il-konklużjoni bil-miktub ta' kuntratt ġdid ta' xogħol għal żmien determinat, iżda l-proroga tat-tul ta' xogħol eżistenti minn qabel.

30 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li l-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat konklużi mar-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma manifestament kuntrarji għall-miżuri kollha ta' prevenzjoni tal-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol suċċessivi għal żmien determinat, previsti fl-Artikoli 5 u 6 tad-Digriet Presidenzjali 164/2004, kif timponi l-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas. F'dan ir-rigward, hija ssostni, b'mod partikolari, li ma

kien hemm ebda interruzzjoni bejn id-diversi tiġdid tal-kuntratti u li l-ebda raġuni oġġettiva ma ġġustifikathom. Barra minn hekk, hija tikkritika d-diversi interventi tal-leġiżlatur Grieg, li wasslu għal qbiż, minn naħa, tan-numru massimu ta' tiġdid tal-kuntratti, stabbilit għal tlieta, u, min-naħa l-oħra, tat-tul massimu ta' 24 xahar tagħhom, impost mid-Digriet Presidenzjali 164/2004.

31 Skont il-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 167 tal-Liġi 4099/2012, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, kellu l-effett li jippermetti l-estensjoni *ipso jure* tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat inkwistjoni, permezz ta' sempliċi att ta' konstatazzjoni maħruġ minn kull organu li jħaddem, mingħajr ebda proċedura oħra jew deċiżjoni ta' korp kollettiv ta' tali organu, u mingħajr ma tkun saret evalwazzjoni minn qabel dwar jekk kinux għadhom jissussistu l-ħtiġijiet li inizjalment irrendew neċessarji dawn il-kuntratti.

32 Il-qorti tar-rinviju tispeċifika li, anki fl-ipoteżi fejn il-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat tas-settur tat-tindif ikunu ġew konklużi inizjalment għal perijodu ta' tmien xhur, abbażi tal-Artikolu 205 tal-Kodiċi dwar l-istatus tal-membri tal-persunal muniċipali, u, indipendentement mill-ħtiġijiet permanenti u fit-tul tal-kollettivitajiet territorjali, il-proroga tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2017, permezz ta' atti leġiżlattivi li għandhom effett retroattiv u applikabbli esklużivament għall-imsemmija kuntratti, turi li l-bżonnijiet koperti minn dawn il-kuntratti ma jistgħux jitqiesu bħala ta' darba, staġjonali jew perijodiċi.

33 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tindika li l-leġiżlatur Grieg adotta diversi dispożizzjonijiet addizzjonali dwar, b'mod partikolari, il-legalizzazzjoni marbuta mal-ispejjeż pubbliċi li jirriżultaw mill-impjieg tal-ħaddiema fis-settur tat-tindif tal-kollettivitajiet territorjali matul il-perijodu kollu tat-tiġdid tal-kuntratti ta' xogħol tagħhom imwettqa skont l-Artikolu 167 tal-Liġi 4099/2012, u b'hekk jirrendu leġittimu l-kawża ta' dawn l-ispejjeż, li normalment huma illegali. Issa, permezz ta' dan l-intervent, il-leġiżlatur Grieg ipprekluda lill-ħaddiema kkonċernati milli jirċievu l-allowance prevista fl-Artikolu 7 tad-Digriet Presidenzjali 164/2004, sa fejn din id-dispożizzjoni tistabbilixxi bħala kundizzjoni li l-kuntratt ta' xogħol ikun null minħabba ksur tal-Artikoli 5 u 6 tal-imsemmi digriet. B'mod parallel, ġie deċiż li s-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 tad-Digriet Presidenzjali 164/2004 ma kinux applikabbli għall-awtoritajiet territorjali li kienu jimpjegaw persunal fis-settur tat-tindif, abbażi tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat imsemmija iktar 'il fuq, kif estiżi diversi drabi sal-aħħar tas-sena 2017. Barra minn hekk, skont dispożizzjoni leġiżlattiva oħra, l-estensjoni tal-imsemmija kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat konklużi mill-awtoritajiet territorjali ma tteħditx inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tat-tul massimu ta' 24 xahar imsemmi fl-Artikoli 5 sa 7 tad-Digriet Presidenzjali 164/2004.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Monomeles Protodikeio Lasithiou (il-Qorti tal-Ewwel Istanza b'Imħallef Uniku ta' Lasithi) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jittrasponu l-Ftehim Qafas […] fl-ordinament ġuridiku nazzjonali li teskludi l-proroga awtomatika tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat ta' ħaddiema fis-settur tal-ġbir tal-iskart mid-definizzjoni ta' kuntratti "suċċessivi" għal żmien determinat, skont il-Klawżola 1 u l-punt 2 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas, bis-saħħa ta' dispożizzjoni espressa tad-dritt nazzjonali, b'mod speċifiku l-Artikolu 167 tal-Liġi Nru 4099/2012, bil-motivazzjoni li din ma tirrappreżentax dispożizzjoni bil-miktub ta' kuntratt ġdid għal żmien iddeterminat, iżda tirrappreżenta proroga tat-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' xogħol diġà eżistenti, tmur kontra l-għan u l-effettività tal-imsemmi Ftehim Qafas?

2) Fil-każ ta' regolamentazzjoni u implimentazzjoni ta' prassi, fl-impjieg ta' ħaddiema fis-settur tal-ġbir tal-iskart, b'kuntrast mal-miżuri ta' prevenzjoni tal-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti ta' xogħol suċċessivi għal żmien iddeterminat, li huma previsti mill-miżura ta' traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali li tinsab fil-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas, l-obbligu ta' interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni min-naħa ta' qorti nazzjonali għandu jinkludi wkoll l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħall-Artikolu 8(3) tal-Liġi Nru 2112/1920, inkwantu regola ekwivalenti, skont il-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas, li teżisti minn qabel iżda li tkun għadha fis-seħħ, li tkun tippermetti l-klassifikazzjoni ġuridika korretta bħala kuntratti għal żmien indeterminat tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi li jintużaw sabiex jiġu ssodisfatti eżiġenzi permanenti u fit-tul ta' entitajiet lokali fis-settur tal-ġbir tal-iskart?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda preċedenti, teżisti restrizzjoni eċċessiva tal-obbligu tal-qorti nazzjonali fl-interpretazzjoni tagħha tad-dritt nazzjonali b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni meta regola ta' natura kostituzzjonali, bħall-Artikolu 103(7) u (8) tal-Kostituzzjoni Griega, rivedut fl-2001, tipprekludi kompletament, fis-settur pubbliku, il-konverżjoni tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratti għal żmien indeterminat konklużi meta din id-dispożizzjoni kienet għadha fis-seħħ, fejn l-applikazzjoni ta' regola ekwivalenti tad-dritt nazzjonali li teżisti minn qabel iżda li tkun għadha fis-seħħ, bħall-Artikolu 8(3) tal-Liġi Nru 2112/1920 issir impossibbli, skont il-punt 1 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas, b'tali mod li ċċaħħad il-possibbiltà li jiġu kklassifikati ġuridikament mill-ġdid, matul proċedura ġudizzjarja, bħala kuntratti għal żmien indeterminat il-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi li jintużaw sabiex jiġu ssodisfatti eżiġenzi permanenti u fit-tul tal-entitajiet lokali fis-settur tal-ġbir tal-iskart anki fil-każ fejn l-istess entitajiet jaffaċċjaw eżiġenzi permanenti u fit-tul?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

35 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-Klawżola 1 u l-punt 2 tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-espressjoni "kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat" li tinsab fiha tkoprix ukoll il-proroga *ipso jure* tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat tal-ħaddiema tas-settur tat-tindif tal-kollettivitajiet territorjali, li seħħet skont dispożizzjonijiet nazzjonali espressi u minkejja l-fatt li l-forma bil-miktub, bħala prinċipju prevista għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' xogħol, ma ġietx osservata.

36 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas għandha l-għan li timplimenta wieħed mill-għanijiet imfittxija minn dan tal-aħħar, jiġifieri li jiġi rregolat l-użu suċċessiv ta' kuntratti jew relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien determinat, meqjusa bħala sors potenzjali ta' abbuż għad-detriment tal-ħaddiema, billi tipprovdi numru ta' dispożizzjonijiet minimi ta' protezzjoni intiżi sabiex jiġi evitat li s-sitwazzjoni tal-impjegati ssir iktar prekarja (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 53 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

37 Għalhekk, il-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas timponi fuq l-Istati Membri, bil-għan ta' prevenzjoni tal-użu abbużiv ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, l-adozzjoni effettiva u vinkolanti ta' mill-inqas waħda mill-miżuri li hija telenka, meta d-dritt intern tagħhom ma jkunx jinkludi miżuri legali ekwivalenti (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020 Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 55 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 Madankollu, mill-formulazzjoni ta' din il-klawżola tal-Ftehim Qafas kif ukoll minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-imsemmija klawżola tapplika biss fil-preżenza ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi (sentenzi tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín, C-177/18, EU:C:2020:26, punt 70, kif ukoll tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata), b'tali mod li kuntratt li huwa l-ewwel jew l-uniku kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat ma jaqax taħt il-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punt 90 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

39 Issa, f'dan il-każ, *stricto sensu*, dan ma huwiex każ ta' suċċessjoni ta' żewġ kuntratti jew ta' diversi kuntratti ta' xogħol, li jippreżupponu l-eżistenza u l-konklużjoni formali ta' żewġ kuntratti jew ta' diversi kuntratti distinti, fosthom wieħed wara l-ieħor. B'mod iktar preċiż, din hija proroga awtomatika ta' kuntratt għal żmien determinat inizjali, li tirriżulta minn atti leġiżlattivi. Għaldaqstant, għandha tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar jekk din is-sitwazzjoni taqax taħt il-kunċett ta' "kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impjieg għal terminu fiss" li jinsab fil-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas.

40 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Klawżola 5(2)(a) tal-Ftehim Qafas tħalli, bħala prinċipju, f'idejn l-Istati Membri u/jew lill-imsieħba soċjali sabiex jiddeterminaw huma taħt liema kundizzjonijiet kuntratti jew relazzjonijiet tal-impjieg għal żmien determinat għandhom jitqiesu bħala "suċċessivi" (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín, C-177/18, EU:C:2020:26, punt 71, kif ukoll tad-19 ta' Marzu 2020 Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 57).

41 Filwaqt li tali riferiment għall-awtoritajiet nazzjonali għall-ħtiġijiet tad-definizzjoni tal-modalitajiet konkreti tal-applikazzjoni tat-terminu "suċċessivi" skont il-Ftehim Qafas tispjega ruħha mix-xewqa li tiġi ppreżervata d-diversità tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam, għandu madankollu jitfakkar li l-marġni diskrezzjonali kif mogħti lill-Istati Membri ma huwiex illimitat, peress li f'ebda każ ma jista' jintuża sabiex jiġu kkontestati l-għan jew l-effettività tal-Ftehim Qafas. B'mod partikolari, din is-setgħa diskrezzjonali ma għandhiex tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet nazzjonali b'mod li twassalha għal sitwazzjoni li tista' tagħti lok għal abbużi u għaldaqstant li tmur kontra l-imsemmi għan (sentenzi tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 82, kif ukoll tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 58).

42 Fil-fatt, l-Istati Membri huma marbuta li jiggarantixxu r-riżultat impost mid-dritt tal-Unjoni, kif jirriżulta mhux biss mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, iżda wkoll mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/70, moqri fid-dawl tal-premessa 17 ta' din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 68, kif ukoll tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 59).

43 Il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Istati Membri, li hemm riferiment għalihom fil-punt 41 ta' din is-sentenza, huma partikolarment importanti fir-rigward ta' kunċett prinċipali, bħal dak tan-natura suċċessiva tar-relazzjonijiet ta' xogħol, li huwa determinanti għad-definizzjoni

tal-kamp ta' applikazzjoni stess tad-dispożizzjonijiet nazzjonali intiżi sabiex jimplimentaw il-Ftehim Qafas (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 60).

44 Issa, il-fatt li jiġi konkluż li hemm assenza ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, fis-sens tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas, għas-sempliċi raġuni li l-ewwel kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat tal-ħaddiema tas-settur tat-tindif tal-kollettivitajiet territorjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali kien ġie pprorogat *ipso jure* permezz ta' atti leġiżlattivi, mingħajr konklużjoni formali, bil-miktub, ta' kuntratt jew ta' diversi kuntratti ġodda ta' xogħol għal żmien determinat, jirriskja li jikkomprometti l-għan, il-finalità kif ukoll l-effett utli ta' dan il-ftehim.

45 Fil-fatt, tali definizzjoni restrittiva tal-kunċett ta' "relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi" tippermetti li jiġu impjegati ħaddiema b'mod prekarju matul diversi snin (sentenzi tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 85, kif ukoll tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 62).

46 Minbarra dan, din l-istess interpretazzjoni restrittiva tirriskja li jkollha bħala effett mhux biss li teskludi fil-fatt numru kbir ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat mill-benefiċċju tal-protezzjoni tal-ħaddiema koperti mid-Direttiva 1999/70 u l-Ftehim Qafas, billi tneħħi l-għan imfittex minn dawn tal-aħħar minn parti kbira tas-sustanza tagħha, imma wkoll li tippermetti l-użu abbużiv ta' tali relazzjonijiet mill-persuni li jimpjegaw sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet permanenti u fit-tul fil-qasam tal-persunal (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 63).

47 F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkonstatat ukoll li l-kunċett ta' "żmien" tar-relazzjoni ta' xogħol jikkostitwixxi element essenzjali ta' kull kuntratt għal żmien determinat. Skont il-Klawżola 3(1) tal-Ftehim Qafas, "l-aħħar tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg hu ddeterminat b'kondizzjonijiet oġġettivi bħal li jilħaq data speċifika, ilesti xogħol speċifiku, jew it-twettiq ta' każ speċifiku". It-tibdil tad-data tat-tmiem ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat jikkostitwixxi għalhekk bidla essenzjali ta' dan il-kuntratt, li jista' b'mod leġittimu jiġi assimilat mal-konklużjoni ta' relazzjoni ġdida ta' xogħol għal żmien determinat wara r-relazzjoni ta' xogħol preċedenti, li jaqa', għalhekk, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas.

48 Fil-fatt, kif jirriżulta mit-tieni paragrafu tal-preambolu tal-Ftehim Qafas, kif ukoll mill-punti 6 u 8 tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-imsemmi Ftehim Qafas, il-benefiċċju tal-istabbiltà tal-impjieg huwa kkunċepit bħala element prinċipali tal-protezzjoni tal-ħaddiema, filwaqt li huwa biss f'ċerti ċirkustanzi li kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat jistgħu jissodisfaw kemm il-bżonnijiet tal-persuni li jimpjegaw kif ukoll dawk tal-ħaddiema (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 54 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

49 F'dan il-kuntest, il-fatt li l-proroga estensjoni jew it-tiġdid tal-kuntratti ta' xogħol jirriżultaw minn atti leġiżlattivi maħruġa mill-Parlament Grieg huwa irrilevanti. Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li l-effett utli tal-Ftehim Qafas jitqiegħed f'periklu minn interpretazzjoni li tippermetti l-estensjoni unilaterali tat-tul ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat permezz ta' intervent leġiżlattiv.

50 F'dan ir-rigward, jeħtieġ ukoll jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dispożizzjoni nazzjonali li sempliċiment tawtorizza, b'mod ġenerali u astratt, permezz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva jew regolamentari, l-użu ta' kuntratti tax-xogħol suċċessivi għal żmien determinat, ma tkunx konformi mar-rekwiżiti tal-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas. Fil-fatt, tali dispożizzjoni purament formali ma tippermettix li jiġu identifikati kriterji oġġettivi u trasparenti sabiex jiġi

vverifikat jekk it-tiġdid ta' tali kuntratti jissodisfax effettivament ħtieġa vera, jekk huwiex ta' natura li jilħaq l-għan imfittex u jekk huwiex neċessarju għal dan l-iskop. Tali dispożizzjoni tinvolvi għalhekk riskju reali li jsir użu abbużiv minn dan it-tip ta' kuntratti u b'hekk ma hijiex kompatibbli mal-għan u mal-effettività tal-Ftehim Qafas (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punti 67 u 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

51 F'dan il-każ, peress li l-proroga awtomatika permezz ta' leġiżlazzjoni tista' tiġi assimilata ma' tiġdid u, minħabba f'hekk, mal-konklużjoni ta' kuntratt għal żmien determinat distint, kuntratti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħu effettivament jiġu kklassifikati bħala "suċċessivi", fis-sens tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas. Din il-kunsiderazzjoni hija kkorroborata mill-fatt li, fil-kawża prinċipali, minn naħa, ma ġiet irrilevata l-ebda interruzzjoni bejn l-ewwel kuntratt ta' xogħol u l-kuntratti ta' xogħol li segwew abbażi tal-prorogi awtomatiċi previsti minn atti leġiżlattivi, u, min-naħa l-oħra, kull wieħed mir-rikorrenti kompla jaħdem, b'mod mhux interrott, għall-persuna li timpjegah rispettiv tiegħu, fil-kuntest tal-istess tip ta' funzjonijiet u taħt l-istess kundizzjonijiet ta' xogħol, bl-eċċezzjoni ta' dik dwar it-tul tar-relazzjoni ta' xogħol.

52 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Klawżola 1 u l-Klawżola 5(2) tal-Ftehim Qafas għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-espressjoni "kuntratti [...] ta' l-impjieg għal terminu fiss" li tinsab fiha tkopri wkoll il-proroga *ipso jure* tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat tal-ħaddiema tas-settur tat-tindif tal-kollettivitajiet territorjali, li seħħet skont dispożizzjonijiet nazzjonali espressi u minkejja l-fatt li l-forma bil-miktub, bħala prinċipju prevista għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' xogħol, ma ġietx osservata.

### *Fuq it-tieni u t-tielet domanda*

53 Permezz tat-tieni u t-tielet domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, fl-ipoteżi ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, jekk il-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas għandhiex tiġi interpretata fis-sens li, meta użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ikun seħħ, l-obbligu, tal-qorti tar-rinviju, li twettaq, sa fejn ikun possibbli, interpretazzjoni u applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tad-dritt nazzjonali sabiex tissanzjona debitament dan l-abbuż u tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni tinkludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti l-konverżjoni f'kuntratt ta' xogħol għal żmien mhux determinat is-suċċessjoni ta' kuntratti għal żmien determinat, minkejja li dispożizzjoni nazzjonali oħra, ta' rank superjuri minħabba n-natura kostituzzjonali tagħha, tipprojbixxi b'mod assolut, tali konverżjoni fis-settur pubbliku.

54 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar, preliminarjament, li l-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas timponi fuq l-Istati Membri, bil-għan ta' prevenzjoni tal-użu abbużiv ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, l-adozzjoni effettiva u vinkolanti ta' mill-inqas waħda mill-miżuri li hija telenka, meta d-dritt intern tagħhom ma jkunx jinkludi miżuri legali ekwivalenti. Il-miżuri hekk elenkati f'din il-Klawżola 5, punt 1(a) sa (ċ) ta' din il-klawżola, li huma tlieta, jirrigwardaw, rispettivament, ir-raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw it-tiġdid ta' kuntratti jew ta' tali relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien determinat, it-tul massimu totali ta' dawn il-kuntratti jew ta' dawn ir-relazzjonijiet ta' impjieg suċċessivi u n-numru ta' tiġdid tagħhom (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 83 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

55 L-Istati Membri għandhom, f'dan ir-rigward, marġni ta' diskrezzjoni, peress li għandhom l-għażla li jużaw waħda jew iktar mill-miżuri stabbiliti fil-punt 1(a) sa (ċ) tal-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas jew miżuri legali eżistenti ekwivalenti, u dan filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet ta' setturi speċifiċi u/jew ta' kategoriji ta' ħaddiema (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 84 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

56 B'dan il-mod, il-punt 1 tal-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas jassenja lill-Istati Membri għan ġenerali, li jikkonsisti fil-prevenzjoni ta' tali abbuż, filwaqt li jħallilhom l-għażla tal-mezzi sabiex jilħqu dan l-għan, sa fejn ma jikkompromettux l-għan jew l-effettività utli tal-Ftehim Qafas (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 85 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Il-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas ma tistabbilixxix sanzjonijiet speċifiċi fil-każ fejn abbużi jkunu ġew ikkonstatati. F'tali każ, huma l-awtoritajiet nazzjonali li għandhom jadottaw miżuri li għandhom ikunu ta' natura mhux biss proporzjonali, iżda wkoll biżżejjed effettivi u dissważivi sabiex jiggarantixxu l-effettività sħiħa tar-regoli adottati skont il-Ftehim Qafas (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 86 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

58 Barra minn hekk, il-Ftehim Qafas ma jistabbilixxix obbligu ġenerali tal-Istati Membri li jipprevedu t-trasformazzjoni ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratti għal żmien mhux determinat. L-ordinament ġuridiku intern tal-Istat Membru kkonċernat għandu madankollu jinkludi miżura effettiva oħra sabiex jiġi evitat u, skont il-każ, issanzjonat l-użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 87 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

59 Meta jkun sar użu abbużiv minn kuntratti jew minn relazzjonijiet ta' impjieg għal żmien determinat suċċessivi, għandha tkun tista' tiġi applikata miżura li tagħti garanziji effettivi u ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ħaddiema sabiex tissanzjona b'mod xieraq dan l-abbuż u tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, skont l-istess termini tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/70, l-Istati Membri għandhom "jieħdu xi miżuri neċessarji sabiex ikunu jistgħu f'kull ħin ikunu f'posizzjoni li jiggarantixxu r-riżultati imposti b'din id-Direttiva" (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 88 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

60 Għandu jitfakkar, barra minn hekk, li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern, peress li din il-missjoni taqa' fuq il-qrati nazzjonali kompetenti, li għandhom jiddeterminaw jekk ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas humiex issodisfatti mid-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 89 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

61 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina sa fejn il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni kif ukoll għall-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt intern jikkostitwixxu miżura adegwata għall-prevenzjoni u, jekk ikun il-każ, tissanzjona l-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras, C-619/17, EU:C:2018:936, punt 90 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Il-Qorti tal-Ġustizzja, billi tiddeċiedi permezz ta' deċiżjoni preliminari, tista' madankollu tipprovdi preċiżazzjonijiet li jistgħu jiggwidaw l-imsemmija qrati fl-evalwazzjoni tagħhom (sentenza tad-19 ta' Marzu 2020, Sánchez Ruiz *et*, C-103/18 u C-429/18, EU:C:2020:219, punt 91 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratti għal żmien indeterminat, skont l-Artikolu 8(3) tal-Liġi 2112/1920, tista', sakemm din id-dispożizzjoni tkun għadha applikabbli fl-ordinament ġuridiku Elleniku, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, tikkostitwixxi miżura li tipprovdi garanziji effettivi u ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ħaddiema sabiex tissanzjona b'mod xieraq l-eventwali użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat u tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-24 ta' April 2009, Koukou, C-519/08, mhux ippubblikat, EU:C:2009:269, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Hemm lok li jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas ma tidhirx li hija, mil-lat tal-kontenut tagħha, mingħajr kundizzjoni u preċiża biżżejjed sabiex tkun tista' tiġi invokata minn individwu quddiem qorti nazzjonali. Fil-fatt, skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom is-setgħa diskrezzjonali li jagħmlu użu, sabiex jipprevjenu l-użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat, minn waħda jew iktar mill-miżuri msemmija f'din il-klawżola, jew inkella minn miżuri legali ekwivalenti eżistenti, u dan kollu filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet ta' setturi speċifiċi u/jew ta' kategoriji ta' ħaddiema. Barra minn hekk, ma huwiex possibbli li tiġi stabbilita b'mod suffiċjenti l-protezzjoni minima li għandha, f'kull każ, tiġi implementata taħt il-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas (sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punt 196).

65 Madankollu, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, meta japplikaw il-liġi nazzjonali, il-qrati nazzjonali huma marbuta li jinterpretawha, sa fejn huwa possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex jintlaħaq ir-riżultat previst minnha u, għaldaqstant, sabiex jikkonformaw ruħhom mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE. Dan l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi jirrigwarda d-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt nazzjonali, kemm preċedenti kif ukoll sussegwenti għad-direttiva inkwistjoni (sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punt 197).

66 Ir-rekwiżit ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali huwa fil-fatt inerenti għas-sistema tat-Trattat FUE minħabba li dan jippermetti lill-qrati nazzjonali li jiggarantixxu, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni meta huma jiddeċiedu l-kawżi li jitressqu quddiemhom (sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punt 198).

67 Huwa minnu li l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tirreferi għall-kontenut ta' direttiva meta tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali huwa limitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari dawk taċ-ċertezza legali kif ukoll ta' nuqqas ta' retroattività, u ma jistax iservi ta' bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali (sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punt 199).

68 Il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi jeżiġi madankollu li l-qrati nazzjonali jagħmlu dak kollu li jaqa' taħt il-kompetenza tagħhom, billi jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt intern kollu u billi japplikaw metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minn dan id-dritt, sabiex tiġi ggarantita

l-effettività sħiħa tad-direttiva inkwistjoni u sabiex tinstab soluzzjoni konformi mal-għan imfittex minnha (sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punt 200).

69 F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tagħti lid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt intern, sa fejn huwa possibbli u meta jkun seħħ użu abbużiv minn kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, interpretazzjoni u applikazzjoni sabiex dan l-abbuż jiġi ppenalizzat b'mod xieraq u sabiex jitneħħew il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, hija l-imsemmija qorti li għandha tevalwa jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(3) tal-Liġi 2112/1920 jistgħux, jekk ikun il-każ, japplikaw għall-finijiet ta' din l-interpretazzjoni konformi (sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punt 203).

70 Fil-każ li l-qorti nazzjonali tasal tikkonkludi li t-trasformazzjoni tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratti għal żmien mhux determinat, skont l-Artikolu 8(3) tal-Liġi 2112/1920, ma kinitx possibbli, peress li twassal għal interpretazzjoni *contra legem* tal-Artikolu 103(7) u (8) tal-Kostituzzjoni Ellenika, din il-qorti jkollha tivverifika jekk jeżistux miżuri oħra effettivi għal dan il-għan fid-dritt Elleniku. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li tali miżuri għandhom ikunu suffiċjentement effettivi u dissważivi sabiex jiggarantixxu l-effettività sħiħa tar-regoli adottati skont il-Ftehim Qafas, jiġifieri, f'dan il-każ, l-Artikoli 5 u 6 tad-Digriet Presidenzjali 164/2004, li ttrasponew il-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas fl-ordinament ġuridiku Elleniku.

71 Fir-rigward tal-effett, f'dan ir-rigward, tal-fatt li l-Artikolu 103(8) tal-Kostituzzjoni Ellenika ġie emendat wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 1999/70 u qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tagħha, sabiex tiġi pprojbita b'mod assolut, fis-settur pubbliku, it-trasformazzjoni ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratti għal żmien mhux determinat, huwa biżżejjed li jiġi mfakkar li direttiva tipproduċi effetti ġuridiċi fir-rigward tal-Istat Membru destinatarju – u, b'hekk, fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali –, skont il-każ, wara l-pubblikazzjoni tagħha jew sa mid-data tan-notifika tagħha (sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punt 204 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

72 F'dan il-każ, id-Direttiva 1999/70 tindika, fl-Artikolu 3 tagħha, li din tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, jiġifieri l-10 ta' Lulju 1999.

73 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, matul it-terminu ta' traspożizzjoni ta' direttiva, l-Istati Membri destinatarji tagħha għandhom jastjenu milli jadottaw dispożizzjonijiet ta' natura li jikkompromettu serjament it-twettiq tar-riżultat previst minn din id-direttiva (sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė, C-2/18, EU:C:2019:962, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan ir-rigward, ftit jimporta li d-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali inkwistjoni, adottata wara d-dħul fis-seħħ tad-direttiva kkonċernata, tirrigwardax jew le t-traspożizzjoni tagħha (sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punt 206 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

74 Minn dan isegwi li l-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri huma suġġetti għall-obbligu li jiggarantixxu l-effett sħiħ tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, inkluż meta l-imsemmija awtoritajiet jemendaw il-Kostituzzjoni tagħhom (sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punt 207 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

75 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni u għat-tielet domanda għandha tkun li l-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li, meta jkun fis-seħħ użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, l-obbligu, tal-qorti tar-rinviju, li twettaq, sa fejn ikun possibbli, interpretazzjoni u applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tad-dritt nazzjonali sabiex tissanzjona debitament dan l-abbuż u tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni jinkludi l-evalwazzjoni tal-punt dwar jekk id-dispożizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni nazzjonali preċedenti, li tkun għadha fis-seħħ, li jippermettu l-konverżjoni ta' suċċessjoni ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratt ta' xogħol għal żmien mhux determinat, jistgħux, fejn ikun xieraq, japplikaw għall-finijiet ta' din l-interpretazzjoni konformi, minkejja li dispożizzjonijiet nazzjonali ta' natura kostituzzjonali jipprojbixxu b'mod assolut tali konverżjoni fis-settur pubbliku.

**Fuq l-ispejjeż**

76 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-Klawżola 1 u l-Klawżola 5(2) tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-espressjoni "kuntratti [...] ta' l-impjieg għal terminu fiss" li tinsab fiha tkopri wkoll il-proroga *ipso jure* tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat tal-ħaddiema tas-settur tat-tindif tal-kollettivitajiet territorjali, li seħħet skont dispożizzjonijiet nazzjonali espressi u minkejja l-fatt li l-forma bil-miktub, bħala prinċipju prevista għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' xogħol, ma ġietx osservata.**

2) **Il-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li, meta jkun fis-seħħ użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol għal żmien determinat, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, l-obbligu, tal-qorti tar-rinviju, li twettaq, sa fejn ikun possibbli, interpretazzjoni u applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tad-dritt nazzjonali sabiex tissanzjona debitament dan l-abbuż u tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni jinkludi l-evalwazzjoni tal-punt dwar jekk id-dispożizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni nazzjonali preċedenti, li tkun għadha fis-seħħ, li jippermettu l-konverżjoni ta' suċċessjoni ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat f'kuntratt ta' xogħol għal żmien mhux determinat, jistgħux, fejn ikun xieraq, japplikaw għall-finijiet ta' din l-interpretazzjoni konformi, minkejja li dispożizzjonijiet nazzjonali ta' natura kostituzzjonali jipprojbixxu b'mod assolut tali konverżjoni fis-settur pubbliku.**

Firem